

4) Jekk ir-risposta għat-tielet domanda tkun fl-affermattiv, qed jintalab li jiġi spċifikat skont liema kriterji u skont liema livell ta' probabbiltà għandu jiġi evalwat, f'dan il-każ, jekk ix-xoljiment ipproduċċix tali effetti fuq is-suq, b'mod partikolari kemm jista' jkun sinjifikattiv il-fatt li tali effetti jistgħu jkunu imputabbli għal kawżi oħra?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 8, Vol. 3, p. 40.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo de Pamplona (Spanja) fid-9 ta' Diċembru 2016 – Wilber López Pastuzano vs Delegación del Gobierno de Navarra

(Kawża C-636/16)

(2017/C 046/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Contencioso-Administrativo de Pamplona

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Wilber López Pastuzano

Konvenuta: Delegación del Gobierno Central en Navarra

Domandi preliminari

L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2003/109/KE (¹), tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u l-ġurisprudenza li tintertpretaha, li ma tipprevedix l-applikazzjoni tar-rekwiżiti għall-protezzjoni kontra tkeċċija ta' ċittadin barrani residenti għat-tul fir-rigward ta' kull deċiżjoni amministrattiva ta' tkeċċija, irrispettivament min-natura jew mill-forma legali tagħha, iżda li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti biss għal forma spċifikha ta' tkeċċija?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 19, Vol. 6, p. 272